TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Hamis 28 ta' April 2016

Avviz Nru 2/2016

Go Plc

Vs

Juliann Buttigieg

It-Tribunal,

Ra' l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf, tlett mija u tlieta u ghoxrin ewro u dsatax il-centezmu (€ 1323.19) import ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni. Dan bl-ispejjez kollha.

Ra' illi l-konvenuta debitament notifikata b'dan l-avviz irrispondiet illi l-kreditu pretiz mhux dovut izda hija dovuta s-somma ta' mija u sitta u disghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€196.87) li l-konvenuta kienet dejjem disposta li thallas; in oltre l-konvenuta kienet talbet il-qtugh tas-servizz liema servizz baqa ghaddej xorta wahda; u ghalhekk il-konvenuta ma ghandha tbghati l-ebda spejjes.

Ra' u sema l-provi mressqa u ra' d-dokumenti esebiti.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tat-12 ta' April 2016 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ra' l-bqija ta' l-atti.

Ikkonsidra

Mill-provi jirrizulta illi l-konvenuta kellha mill-kumpanija attrici, servizz hekk imsejjah Bundle Service Agreement Home Pack 42 li jikkonsisti f'serviz ta' Gold Plus TV, telefon Talk anytime, internet u uzu gratuwit ghal mitt minuta bejn erba' telefons cellulari. Kien

hemm kuntratt ghal sentejn u l-konvenuta ma xtaqitx iggedded l-abbonament stante li kienet imsiefra.

Ghal dan kien hemm procedura x'tigi segwita. Wiehed ried jirritorna l-apparat tal-kumpanija attrici jiffirma formula u jhallas il-kontijiet pendenti. Dan gie spjegat kollu f'email spedita lil konvenuta fuq talba taghha stess esbita a fol 28 tal-process. Fuq kollox riedet timtela prokura fuq xi hadd residenti lokalment u li skond l-email l-konvenuta giet provduta kopja taghha ma l-istess email.

Jidher illi meta l-konvenuta bghatet lil bintha biex taqta s-servizz, minkejja li din hadet l-apparat maghha, din la kienet disposta thallas il-kont, stante illi talbet li dan jithallas mar-ritorn ta' ommha mis-safar f'data mhix stabbilita, la mliet l-formula (fil-file ma tirrizulta l-ebda formula) u wisq anqas jirrizulta li kellha l-prokura rikjesta. Kienu ghalhekk korretti l-impjegati tal-kumpanija li jirrifjutaw it-terminazzjoni tas-servizz galadarba r-rekwiziti ghal dan ma kienux sodisfatti.

Min naha l-ohra min dak li xhed Emanuel Cini jirrizulta illi s-servizz baqa jigi wzat anke wara dik id-data u kien inqata biss minhabba nuqqas ta' hlasijiet. Sabiex jghin fil-minimizzazzjoni ta' l-ispejjes fil-mori ta' din il-kawza dan it-Tribunal stieden lil konvenuta sabiex tirritorna l-apparat tal-kumpanija attrici u hekk il-kont jonqos bicca sew. Il-konvenuta intrabtet li taghmel dan. Izda jidher illi effettivament il-konvenuta ma tat kaz ta' xejn u ma ghamelt xejn min dan. Dan ma tantx jirrifletti tajjeb fuq il-konvenuta.

Il-kontijiet kif mahruga mill-kumpanija attrici huma kkonfermati; u dan it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura fihom. L-anqas ma saret xi prova ghal l-eccezzjoni tal-konveunti illi l-ammont dovut huwa wiehed anqas.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' elf, tlett mija u tlieta u ghoxrin Ewro u dsatax il-centezmu (€1323.19). Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra tal-konvenuta.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur